MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Talba Numru. 347/2012

**Silvana Camilleri**

**vs**

**Karen Ebejer**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi selfet lill-intimata flus kontanti kif ukoll oggetti ohra li flimkien jaghqdu s-somma ta' elf u sebgha u sebghin ewro u tlettax-il centezmu (€ 1,077.13c).

Illi l-esponenti kemm-il darba ppruvat ssolvi din il-pendenza bonarjament izda dan inutilment. Illi l-esponenti kienet anke pprezentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12. Illi hija trid li tinghata lura s-somma indikata.

Bl-ispejjez kollha inkluz ittra ufficjali msemmija.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti inter alia ai termini tal-Artikoli 2148(b) u (f) u 2149 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ma sar ebda ftehim ta' self bejn il-partijiet; Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante inter alia li ma sar ebda ftehim ta' self bejn il-partijiet u jekk inghata xi haga, dato ma non concesso, dan kien f'forma ta' rigal u ghalhekk il-konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attrici; Illi ghalhekk il-konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attrici u kull prestazzjoni da parti tal-attrici versu l-konvenuta kienet wahda ta' hbiberija; Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi l-konvenuta ntavolat kontro-talba li permezz taghha ddikjarat illi l-attrici rikonvenzjonata hija debitrici ta' Karen Ebejer fl-ammont ta' elf, mija tmienja u tmetin ewro u wiehed u tmenien centezmmu (€1,138.81c) rapprezentanti in kwantu ghal sitt mija tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenien centezmu (€698.81c) b'rizultat ta' ksur ta' ftehim da parti ta' Silvana Camilleri u s-somma ta' erba' mija u erbghin ewro (€440) rapprezentanti spejjez inkorsi minn Karen Ebejer b'rizultat tal-agir ta' Silvana Camilleri. Illi ghalhekk Karen Ebejer qed titlob li Silvana Camilleri thallasha s-somma ta' elf, mija tmienja u tmetin ewro u wiehed u tmenien centezmmu (€1,138.81c) flimkien mal-ispejjez legali u l-interessi.

Ra r-risposta tal-attrici rikonvenzjonata, li permezz taghha eccepiet illi l-kontro-talba ta' Karen Ebejer hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm l-ebda ksur ta' ftehim da parti ta' l-attrici rikonvenzjonata Silvana Camilleri. Illi bid-dovut rispett, Karen Ebejer qed tikkontradixxi lilha nnifisha meta qed tghid li hemm ksur ta' ftehim meta fir-risposta taghha ssemmi li ma sar l-ebda ftehim ta' self bejn il-partijiet. Illi se mai, jekk hemm xi hadd li inkorra spejjez, kienet l-attrici rikonvenzjonata li nkorrithom. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti li gew esebiti.

Illi din is-sentenza tittratta limitatament dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici xehdet u ddikjarat illi hi hejjiet rendikont tal-flus li kienet regolarment tghaddi lill-konvenuta, u kopja ta' din il-lista giet ipprezentata, u mmarkata bhala Dok. "KE 1". Illi skond id-deposizzjoni li nghatat mill-attrici, hi kienet tghaddi xi flus lill-konvenuta kull meta kienet titlobha, u kien ghalhekk li hasset il-htiega li thejji xi forma ta' rendikont ta' dawn il-flus li kienet tghaddi lill-konvenuta. Illi hi bdiet issellef il-flus lill-konvenuta madwar seba' (7) snin ilu, u l-ahhar darba li ghadditilha xi flus kien fl-2008. Wara dak iz-zmien, il-konvenuta marret toqghod f'lokalita' ohra. Illi l-attrici kienet titlob lill-konvenuta sabiex trodd dawn il-flus lura, u l-konvenuta kienet taccertaha li ser taghtihomlha lura ladarba tbiegh il-proprjeta' taghha. Illi tali sejhiet ghal hlas kienu jsiru bil-fomm, u qatt ma bghatet ittri qabel ma nbdew dawn il-proceduri.

Illi l-konvenuta ddikjarat li kienet taf lill-attrici ghaliex kienu hbieb. Illi dwar ir-rendikont li gie mhejji mill-attrici u moghti lill-konvenuta dwar xi flus li gew mislufa lilha, il-konvenuta qalet illi sa fejn taf hi, ma kellhiex taghtiha flus, ghaliex ghadda hafna zmien. Xehdet ukoll illi qatt ma ffirmat ebda skrittura mal-attrici in konnessjoni ma' self ta' flus, u dan ghaliex huma kienu hbieb u kienu ta' spiss jaghtu xi affarijiet lil xulxin. Dwar id-dati li jirrizulta mir-rendikont immarkat bhala "Dok. KE1", xehdet illi dawn jibdew minn l-2007 u l-ahhar data indikata hija ta' Dicembru 2008.

Ikkunsidra,

Illi l-artikoli tal-ligi li in bazi taghhom giet sollevata l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni jipprovdu ghal terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 2148 (b) u (f), u sentejn ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 2149 (d).

Illi mid-deposizzjoni moghtija miz-zewg partijiet kontendenti, u kif jirrizulta wkoll mid-dokument li gie pprezentat mill-konvenuta, u li l-attrici gharfitu bhala rendikont imhejji minnha, l-ahhar self ta' flus mill-attrici lill-konvenuta sar fit-8 ta' Dicembru, 2008. Illi in segwitu ghal din id-data, ma jidhirx illi kien hemm self iehor. Illi ghalhekk kwalunkwe terminu preskrittiv beda jiddekorri minn dik id-data.

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-konvenuta, irrizulta illi l-istess konvenuta kienet tircievi xi flus minghand l-attrici, pero' dan kien b'animu u fil-kuntest tal-hbiberija li kien hemm bejniethom, u in kontro-kambju l-istess konvenuta kienet anke tat xi affarijiet lill-attrici, u dan minghajr ma talbet hlas ghalihom. Illi ghalhekk mhux kontradett mill-konvenuta li hi rceviet xi flus minghand l-attrici, u jidher li qed tikkontesta biss il-kuntest u generu ta' tali ghotja, in kwantu ssostni li dan ma kienx b'self, izda b'xi forma ta' rigal u in kontro-kambju ghal ghotja ta' xi oggetti li l-attrici rceviet minghand il-konvenuta. Illi dwar jekk bhala stat ta' fatt il-flus li nghatat roddithomx lura, il-konvenuta ma kienetx kategorika u definittiva fir-risposta taghha, meta ddikjarat li sa fejn taf hi ma kellhiex taghti ebda flus lill-attrici ghaliex ghadda hafna zmien. Illi r-risposta tal-konvenuta in rigward ma kienitx cara u konvincenti, ghaliex kienet risposta kkundizzjonata, li minhabba t-trapass ta' zmien ma deherilhix li kien ghad fadlilha xi pendenzi mal-attrici.

Illi fid-dokument li gie pprezentat mill-konvenuta hemm elenkati diversi oggetti u l-valur taghhom kemm f'Lira Maltija u f'Euro. Illi jidher illi f'uhud mill-okkazjonijiet l-ammont li nghata mill-attrici lill-konvenuta mar direttament versu l-akkwist jew hlas ta xi oggett jew servizz partikolari, mentri f'okkazjonijiet ohra, jidher li kien hemm ghotja ta' flus kontanti. Illi madanakollu, ebda wahda mill-partijiet ma ghamel ebda kjarifika jew ressaq ebda prova in rigward, minkejja l-fatt illi l-konvenuta kkwotat artikoli tal-Ligi dwar il-preskrizzjoni li huma applikabbli ghal cirkostanzi u sitwazzjonijiet differenti minn meta jinghata semplici self *brevi manu*. Illi fl-assenza ta' tali prova, it-

Tribunal ghandu jqis l-applikabilita', o meno, tad-disposizzjonijiet tal-Ligi indikati mill-konvenuta ghall-fatti kif gew esposti s'issa f'din il-kawza.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet ma rrizultax illi l-attrici tiggestixxi xi negozju jew hanut, u li bieghet xi oggetti lill-konvenuta, u li permezz ta' din l-azzjoni qed titlob minghand il-konvenuta l-hlas tal-prezz ta' dawk l-oggetti; illi ghalhekk l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jigi meqjus bhala applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi daqstant iehor, lanqas ma rrizulta illi l-attrici kriet xi oggetti mobbli lill-konvenuta, u li permezz ta' din l-azzjoni qed titlob il-hlas ta' kera dovut in rigward;  ghaldaqstant, lanqas l-Artikolu 2148 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jista' jigi meqjus li japplika ghall-kaz in ezami.

Illi dwar l-applikabilita' tal-Artikolu 2149 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-allegat kreditu mertu ta' din il-kawza, tali provvediment tal-Ligi kien ikun applikabbli kemm-il darba rrizulta illi l-attrici aggixxiet bhala mandatarja tal-konvenuta, u wettqet xi hlas ghan-nom taghha u issa, permezz ta' din il-kawza, kienet qed titlob ir-radd lura lilha tal-flus mahruga minnha.  Madanakollu, mid-deposizzjoni li nghatat mill-partijiet ma rrizulta bl-ebda mod illi l-attrici aggixxiet f'tali kapacita' jew kwalita', izda skond ix-xhieda tal-attrici, hi kienet issellef il-flus lill-konvenuta u mhux twettaq xi hlasijiet ghan-nom taghha.  Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma illi lanqas dan il-provvediment tal-Ligi m'hu applikabbli ghall-kaz in ezami .

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------